L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2018 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 26th May 2018 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. The book of Genesis contains two creation narratives. What is their meaning?

2. What is the Exile mentioned in the Old Testament and why is it important?

3. "If there is no resurrection of the dead, then not even Christ has been raised. And if Christ has not been raised, our preaching is worthless, and so is your faith." (1 Cor 15: 13-14). What does the New Testament say about the Resurrection of Jesus?

### SECTION B: THE CREED

1. "Faith and reason are like two wings on which the human spirit rises to the contemplation of truth; and God has placed in the human heart a desire to know the truth - in a word, to know himself - so that, by knowing and loving God, men and women may also come to the fullness of truth about themselves" (John Paul II, *Faith and Reason*). Comment.

2. "I believe in God" is the first affirmation of the Apostles' Creed. Explain the Christian belief in God.

3. The Beatific Vision is the hope of all Christians. Explain.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 26 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m sa 12:05 p.m |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid.
Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Il-ktieb tal-Ġenesi fih żewġ narrattivi tal-ħolqien. X'inhi t-tifsira tagħhom?

2. X'inhu l-Eżilju msemmi fit-Testment il-Qadim u għala huwa importanti?

3. "Jekk m'hemmx qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma qam mill-imwiet. Imma jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom." (1 Kor 15: 13-14). X'jgħid it-Testment il-Ġdid fuq il-Qawmien mill-mewt ta' Ġesù?

### TAQSIMA B: IL-KREDU

1. "Il-fidi u r-raġuni qishom żewġ ġwienaħ li bihom l-ispirtu tal-bniedem jogħla biex jikkuntempla l-verità; u Alla nissel fil-qalb tal-bniedem ix-xewqa għall-għarfien tal-verità – f'kelma waħda, biex jagħraf lilu nnifsu - sabiex l-irġiel u n-nisa meta jagħrfu u jħobbu 'l Alla jaslu wkoll għall-verità sħiħa fuqhom infushom" (Ġwanni Pawlu II, *Il-Fidi u r-Raġuni*). Ikkummenta.

2. "Jiena nemmen f'Alla" hija l-ewwel stqarrija tal-Kredu tal-Appostli. Spjega t-twemmin Nisrani dwar Alla.

3. Il-Viżjoni Beatifika hija t-tama ta' kull Nisrani. Spjega.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 28/II.18m

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

L-Università ta' Malta

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2018 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 26th May 2018 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from each section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### Section A: Liturgy and the Sacraments

1. In the liturgy the Holy Spirit is teacher of the faith of the People of God and artisan of "God's masterpieces", the sacraments of the New Covenant (*CCC 1091*). Discuss the relation of the Holy Spirit with the Liturgy.

2. How would you explain the Sacrament of the Eucharist to a non-believer?

3. "Learning to love someone does not happen automatically, nor can it be taught in a workshop just prior to the celebration of marriage" (Pope Francis). Explain the significance of this statement of Pope Francis for a better understanding of marriage as a community of life and love.

### Section B: Christian Morality

1. "Greater wisdom is called for today, because of the temptation to insist on treatments that have powerful effects on the body, yet at times do not serve the integral good of the person … It is clear that not adopting, or else suspending, disproportionate measures, means avoiding overzealous treatment; from an ethical standpoint, it is completely different from euthanasia, which is always wrong, in that the intent of euthanasia is to end life and cause death." (Pope Francis, *Letter to participants in the European Regional Meeting of the World Medical Association*). Discuss.

2. Explain briefly the position of the Church on the moral aspects of sustainable development and environmental issues.

3. "Learning to accept our body, to care for it and to respect its fullest meaning, is an essential element of any genuine human ecology. Also, valuing one's own body in its femininity or masculinity is necessary if I am going to be able to recognize myself in an encounter with someone who is different" (Pope Francis, *Laudato si'*). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2018**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 26 ta' Mejju 2018 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m sas-7:05 p.m |

## IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn kull taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid.
Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Fil-liturġija, l-Ispirtu s-Santu hu l-għalliem tal-fidi tal-Poplu ta' Alla u dak li bih isiru "il-ħwejjeġ kbar ta' Alla", is-sagramenti tal-Patt il-Ġdid (KKK 1091). Iddiskuti r-relazzjoni tal-Ispirtu s-Santu mal-Liturġija.

2. Kif tispjega s-Sagrament tal-Ewkaristija lil xi ħadd li ma jemminx?

3. "Li titgħallem tħobb lil xi ħadd ma tiġrix b'mod awtomatiku, u l-anqas ma tista' tiġi mgħallma f'workshop eżatt qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ" (il-Papa Franġisku). Spjega t-tifsira ta' dan il-kumment tal-Papa Franġisku għal għarfien aħjar taż-żwieġ bħala komunità ta' ħajja u mħabba.

### TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

1. "Illum il-ġurnata hemm bżonn aktar għerf, minħabba t-tentazzjoni li tinsisti fuq trattamenti li għandhom effett qawwi fuq il-ġisem, li iżda xi kultant ma jservux għall-ġid integrali tal-persuna ... Huwa ċar li jekk ma jintużawx, jew inkella jekk jitwaqqfu, il-mezzi mhux proporzjonati, ifisser li tevita trattament akkanit; mill-aspett etiku, dan huwa kompletament differenti mill-ewtanasja, li hija dejjem ħażina, ġaladarba l-intenzjoni tal-ewtanasja hija li ttemm ħajja u twassal għall-mewt." (Il-Papa Franġisku, *Ittra lill-parteċipanti fil-Laqgħa Reġjonali Ewropea tal-Assoċjazzjoni Medika Dinjija*). Iddiskuti.

2. Spjega fil-qosor il-pożizzjoni tal-Knisja fuq l-aspetti morali tal-iżvilupp sostenibbli u kwistjonijiet ambjentali.

3. "Li nitgħallmu naċċettaw il-ġisem tagħna, li nieħdu ħsiebu u li nirrispettaw it-tifsira sħiħa tiegħu, huwa element essenzjali ta' kwalunkwe ekoloġija umana ġenwina. Ukoll, li wieħed jagħti valur lil ġismu fil-feminilità jew maskulinità tiegħu huwa neċessarju jekk jien se nkun nista' nagħraf lili nnifsi f'laqgħa ma' xi ħaddieħor li huwa differenti" (Il-Papa Franġsiku, *Laudato si'*). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.